MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-24 ta' April, 2003

Numru. 345/2003

PULIZIJA
SPETTUR DAVID SALIBA
VS
KENNETH VASSALLO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Kenneth Vassallo ta’ 30 sena bin Anthony u MaryAnne xebba Vella imwieled Pieta fit-2 ta’ Dicembru 1972 u li joqghod Blk H, Flat 6, Triq il-Lellux, Santa Lucia detentur tal-karta tal-identita numru 524172M talli f’Malta, matul dawn l-ahhar xhur u qabel l-ahhar ta’ April, tas-sena 2003 b’diversi atti maghmulin ukoll jew fi zminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmulin b’risoluzzjoni wahda, ai termini tal-artikolu 18 tal-kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Talli f’Hal Tarxien, fis-sieghat bikrin ta’ filghodu ghal habta ta’ 4.00am tal-21 t’April 2003 ikkommetta serq ta’ stereo

tal-karozzi tal-ghamla Jenson minn gewwa karozza bin-numru tar-registrazzjoni LCB 217 kif wkoll xi accessorji ohra li l-valur taghhom jeccedu l-Lm100 izda anqas minn LM1000 ghad-dannu ta' Amanda Maria Gauci liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, hin u xorta tal-haga misruqa.

Talli f'Hal Tarxien wkoll fis-sieghat bikrin ta' filghodu ghal habta ta' 4.00am tal-21 t'April 2003 ikkommetta serq ta' set speakers tal-ghamla Kenwood, minn gewwa karozza bin-numru tar-registrazzjoni FBD 938 li l-valur taghhom huwa ta' madwar Lm30, ghad-dannu ta' Marvic Caruana, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u xorta tal-haga misruqa.

Talli f'Hal Tarsien wkoll fis-sieghat bikrin ta' filghodu ghal habta ta' 4.00am tal-21 t'April 2003 ikkommetta serq ta' stereo tal-karozzi tal-ghamla Clarion minn gewwa karozza tal-ghamla Fiat izda in-numru tar-registrazzjoni kif wkoll is-sid mhux maghruf, li l-valur tieghu jeccedi l-valur ta' LM100 izda anqas minn Lm1000 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, hin u xorta tal-haga misruqa.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna hsara volontarja, jew gharraq hwejjeg ta' haddiehor mibbli jew immobbli fl-imsemmija tlett vetturi liema hsara tiskorri Lm50 izda anqas minn Lm500 u dan ghad-dannu tas-sidien tal-karozzi rispettivi taghhom jew terzi.

Talli huwa ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati u tal-Qorti Superjuri liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mhassra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-24 ta' April 2003 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat;-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat Art 18, 263, 264, 267, 270, 271, 325, 49, 50 u 28A tal-kap 9 tikundannah ghal sentejn prigunerija filwaqt li tirrakkomanda lid-Direttur tal-habs sabiex l-imputat jibda programm ta' riabilitazzjoni kontra d-droga minn hdan il-Habs.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

--------------------------------TMIEM--------------------------------